ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 136 E

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

**Volum 54**

**6 ta' Mejju 2011**

Avviż Nru | Werrej | Paġna

III *Atti preparatorji*

IL-KUNSILL

2011/C 136 E/01 Pożizzjoni (UE) Nru 8/2011 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq
Adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Marzu 2011 ........ 1

MT

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUNSILL

## POŻIZZJONI (UE) Nru 8/2011 TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

**bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq**

**Adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Marzu 2011**

(2011/C 136 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 87(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) L-Unjoni qed issegwi politika għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq, bil-għan li jitnaqqsu l-imwiet, il-korrimenti u l-ħsarat materjali. Element importanti ta' dik il-politika huwa l-infurzar konsistenti tas-sanzjonijiet għal dawk ir-reati tat-traffiku mwettqa fl-Unjoni li jipperikolaw b'mod konsiderevoli s-sikurezza fit-toroq.

(2) Madankollu, minħabba nuqqas ta' proċeduri xierqa u minkejja l-possibbilitajiet eżistenti taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ([2]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI ([3]) (id-"Deċiżjonijiet ta' Prüm"), sanzjonijiet fil-forma ta' pieni finanzjarji għal ċerti reati tat-traffiku ħafna drabi ma jkunux infurzati jekk dawk ir-reati jkunu twettqu b'vettura li tkun reġistrata fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru fejn seħħ ir-reat. Din id-Direttiva timmira li tiżgura li f'tali każi wkoll għandha tkun żgurata l-effettività tal-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq.

(3) Sabiex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni Ewropea kollha u biex jiġi żgurat it-trattament ugwali tax-xufiera, jiġifieri min iwettaq reat u jkun resident u min iwettaq reat u ma jkunx resident, l-infurzar għandu jiġi ffaċilitat irrispettivament mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Għal dan il-għan, għandha tiġi stabbilita sistema għall-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni għal ċerti reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, irrispettivament min-natura amministrattiva jew kriminali tagħhom taħt il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat, li tagħti aċċess lill-Istat Membru tar-reat għad-data dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi (VRD) tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

(4) Skambju transkonfinali aktar effiċjenti ta' VRD, li għandu jiffaċilita l-identifikazzjonita' persuni suspettati li wettqu reat tat-traffiku fir-rigward tas-sikurezza fit-toroq, jista' jżid l-effett ta' deterrent u jħajjar imġiba aktar kawta mis-sewwieq ta' vettura reġistrata fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru tar-reat u b'hekk ikunu evitati vittmi minħabba inċidenti tat-traffiku fit-triq.

(5) Ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq koperti minn din id-Direttiva mhumiex soġġetti għal trattament omoġenju fl-Istati Membri. Xi Stati Membri jikkwalifikaw tali reati bħala reati "amministrattivi" taħt il-liġi nazzjonali filwaqt li oħrajn jikkwalifikawhom bħala reati "kriminali". Din id-Direttiva għandha tapplika irrispettivament minn kif jikkwalifikaw dawk ir-reati taħt il-liġi nazzjonali.

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2008 (ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 149) u pożizzjoni tal-Kunsill ta' … (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … ( għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), [u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ….

([2]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

([3]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12.

(6) Fil-qafas tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm", l-Istati Membri jagħtu lil xulxin id-dritt tal-aċċess għall-VRD tagħhom sabiex itejbu l-iskambju tal-informazzjoni u jgħaġġlu l-proċeduri fis-seħħ. Id-sispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-disponibbiltà tal-iskambju ta' data awtomatizzat stabbilit fid-Deċiżjonijiet ta' Prüm għandhom jiġu inklużi f'din id-Direttiva, safejn hu possibbli.

(7) Għandu jittieħed vantaġġ mill-fatt li l-applikazzjoni tas-software tas-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (Eucaris), li hija mandatorja għall-Istati Membri taħt id-Deċiżjonijiet ta' Prüm fir-rigward tal-VRD, tipprevedi l-iskambju mħaffef, sikur u konfidenzjali ta' VRD bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant dik l-applikazzjoni tas-software għandha tkun il-bażi għall-iskambju tad-data taħt din id-Direttiva u għandha tiffaċilita r-rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

(8) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Eucaris hu limitat għall-proċessi użati fl-iskambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali fl-Istati Membri. Il-proċeduri u l-proċessi awtomatizzati fejn tkun ser tintuża l-informazzjoni huma 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Eucaris.

(9) L-Istrateġija tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni għas-sigurtà interna fl-UE timmira li ssib l-aktar soluzzjonijiet sempliċi, faċli biex ikunu traċċati u effettivi meta mqabbla man-nefqa, għall-iskambju tad-data.

(10) L-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jikkuntattjaw lis-sid, id-detentur tal-vettura jew lill-persuna identifikata b'mod ieħor li jkunu suspettati li wettqu ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza tat-toroq sabiex iżommuhom informati dwar il-proċeduri applikabbli u l-konsegwenzi legali taħt il-liġi tal-Istat Membru tar-reat. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jikkonsidraw li jibagħtu l-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq fil-lingwa tad-dokumenti ta' reġistrazzjoni jew il-lingwa li għandha l-akbar probabbiltà li tinftiehem mill-persuna kkonċernata, biex ikun żgurat li dik il-persuna tifhem b'mod ċar l-informazzjoni li tkun qed tiġi kondiviża magħha. Dan jippermetti lil dik il-persuna tirrispondi għall-informazzjoni b'mod xieraq, partikolarment billi titlob għal aktar informazzjoni, tħallas il-multa jew billi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' difiża, partikolarment f'każ ta' identità żbaljata. Aktar proċedimenti huma koperti mill-istrument legali applikabbli, li jinkludu strumenti dwar l-assistenza reċiproka jew dwar ir-rikonoxximent reċiproku.

(11) L-Istati Membri għandhom jikkonsidraw li jipprovdu traduzzjoni ekwivalenti fir-rigward tal-ittra ta' informazzjoni mibgħuta mill-Istat Membru tar-reat, kif previst fid-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali ([1]).

(12) Kooperazzjoni eqreb bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandha timxi id f'id mar-rispett għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt ta' rispett għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' data personali, li għandha tkun garantita minn arranġamenti speċjali ta' protezzjoni tad-data, li għandhom jieħdu kont partikolari tan-natura speċifika tal-aċċess onlajn transkonfinali għall-bażijiet tad-data. Dawn ir-rekwiżiti huma ssodisfatti bid-Deċiżjonijiet ta' Prüm.

(13) Għandu jkun possibbli għal pajjiżi terzi li jipparteċipaw fl-iskambju ta' VRD kemm-il darba jkunu kkonkludew ftehim mal-Unjoni għal dan il-għan. Tali ftehim ikollu jinkludi dispożizzjonijiet meħtieġa dwar il-protezzjoni tad-data.

(14) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari bil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(15) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u bla ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokol, dawk l-Istati Membri m'humiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u m'humiex marbutin biha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(16) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(17) F'konformità mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ([2]), l-Istati Membri huma mħeġġa biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom stess li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku.

(18) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-utenti kollha tat-toroq fl-Unjoni billi tiffaċilita l-iskambju transkonfinali tal-informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, fejn ir-reat ikun seħħ b'vettura rreġistrata fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru fejn seħħ ir-reat, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant jista' minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisebu dak l-objettiv.

([1]) ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1.

([2]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

(19) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat u adotta opinjoni ([1]),

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Objettiv**

Din id-Direttiva timmira li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-utenti kollha tat-toroq fl-Unjoni billi tiffaċilita l-iskambju transkonfinali tal-informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u għaldaqstant tal-infurzar ta' sanzjonijiet, meta dawk ir-reati jitwettqu b'vettura rreġistrata fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru fejn iseħħ ir-reat.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' Applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tapplika għar-reati tat-traffiku li ġejjin relatati mas-sikurezza fit-toroq:

(a) l-eċċess ta' veloċità;

(b) in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza;

(c) il-qbiż tad-dawl l-aħmar tat-traffiku;

(d) is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb;

(e) is-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi;

(f) in-nuqqas li jintlibes elmu ta' sigurtà;

(g) l-użu ta' karreġġjata pprojbita;

(h) l-użu llegali ta' telefonu ċellulari jew ta' kwalunkwe tagħmir ieħor ta' komunikazzjoni waqt is-sewqan.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "vettura" tfisser vettura mmexxija minn magna li tinkludi muturi, li hija normalment użata biex tittrasporta persuni jew oġġetti bit-triq;

(b) "Stat Membru tar-reat" tfisser l-Istat Membru fejn sar ir-reat;

(c) "Stat Membru tar-reġistrazzjoni" tfisser l-Istat Membri fejn hija rreġistrata l-vettura li biha sar ir-reat;

(d) "eċċess ta' veloċità" tfisser il-qbiż tal-limiti ta' veloċità fis-seħħ fl-Istat Membru tar-reat għat-triq u t-tip ta' vettura kkonċernati;

(e) "nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza" tfisser in-nuqqas ta' konformità mal-obbligu li jintlibes iċ-ċinturin tas-sikurezza jew li tintuża sistema għat-trażżin tat-tfal skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-użu obbligatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà u s-sistemi tat-trażżin għat-tfal fil-vetturi ([2]) u l-liġi fl-Istat Membru tar-reat;

(f) "il-qbiż tad-dawl l-aħmar tat-traffiku" tfisser sewqan minn dawl tat-traffiku aħmar jew kull sinjal ta' waqfien ieħor rilevanti, kif iddefinit fil-liġi ta' l-Istat Membru tar-reat.

(g) "sewqan taħt l-influwenza tax-xorb" tfisser sewqan waqt li s-sewwieq ikun imxekkel mill-alkoħol, kif iddefinit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat;

(h) "sewqan taħt l-influwenza tad-drogi" tfisser sewqan waqt li s-sewwieq ikun imxekkel mid-drogi jew sustanzi oħra li għandhom effett simili, kif iddefinit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat;

(i) "nuqqas li jintlibes elmu ta' sigurtà" tfisser li ma jintlibisx elmu ta' sigurtà, kif iddefinit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat;

(j) "l-użu ta' karreġġjata pprojbita" tfisser l-użu llegali ta' sezzjoni tat-triq (bħalma hija kareġġjata għall-emerġenza, kareġġjata għat-trasport pubbliku jew kareġġjata magħluqa temporanjament minħabba raġunijiet ta' konġestjoni jew xogħlijiet fit-triq), kif iddefinit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat;

(k) "l-użu llegali ta' telefonu ċellulari jew ta' kwalunkwe tagħmir ieħor ta' komunikazzjoni waqt is-sewqan" tfisser l-użu llegali ta' telefonu ċellulari jew kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni waqt is-sewqan, kif iddefinit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat;

(l) "punt ta' kuntatt nazzjonali" tfisser l-awtorità kompetenti maħtura għall-iskambju ta' VRD;

(m) "tiftix awtomatizzat" tfisser proċedura ta' aċċess onlajn għall-konsultazzjoni tal-bażijiet tad-data ta' Stat Membru jew pajjiż parteċipant wieħed, ta' bosta Stati Membri jew pajjiżi parteċianti jew tal-Istati Membri jew pajjizi parteċipanti kollha;

(n) "detentur tal-vettura" tfisser il-persuna li hija rreġstrata f'isimha l-vettura, kif iddefinit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

([1]) ĠU C 310, 5.12.2008, p.9.

([2]) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 26.

*Artikolu 4*

**Proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri**

1. Għall-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imsemmija fl-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn, kif imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, aċċess għall-VRD nazzjonali segwenti, bis-setgħa li jwettqu tiftix awtomatizzat fuq:

(a) data relatata ma' vetturi; u

(b) data relatata ma' proprjetarji jew detenturi tal-vettura.

L-elementi tad-data msemmija fil-punti (a) u (b) li huma meħtieġa biex titwettaq it-tiftixa għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Punt 1.2.2 tal-Kapitolu 3 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI.

2. Kwalunkwe tiftixa fil-forma ta' talbiet li jsiru għandha titwettaq mill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat bl-użu ta' numru sħiħ ta' reġistrazzjoni.

It-tiftix għandu jitwettaq f'konformità mal-proċeduri kif deskritti fil-Kapitolu 3 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI.

L-Istat Membru tar-reat għandu, skont din id-Direttiva, juża d-data miksuba sabiex jiġi stabbilit min hu personalment responsabbli għar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imsemmija fl-Artikoli 2 u 3.

3. Għall-finijiet tal-forniment ta' data kif imsemmi fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali għal talbiet imressqin. Is-setgħat tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom ikunu rregolati mil-liġi applikabbli tal-Istat Membru kkonċernat.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex ikun żgurat li l-iskambju ta' informazzjoni jitwettaq permezz ta' mezzi elettroniċi interoperattivi u biex ikun żgurat li dan l-iskambju ta' informazzjoni jitwettaq b'mod effettiv meta mqabbel man-nefqa u sigur, sa fejn possibbli bl-użu ta' applikazzjonijiet ta' software eżistenti bħal dak diżinjat b'mod speċjali għall-finijiet tal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, u l-verżjonijiet emendati ta' dak is-software.

5. Kull Stat Membru għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu li jirriżultaw mill-amministrazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni tal-applikazzjonijiet tas-software imsemmija fil-paragrafu 4.

*Artikolu 5*

**Ittra ta' informazzjoni dwar ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq**

1. Meta l-Istat Membru tar-reat jiddeċiedi li jibda proċedimenti ta' segwitu fir-rigward tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, huwa jinforma, skont il-liġi tiegħu, lill-proprjetarju, lid-detentur tal-vettura jew lill-persuna identifikata b'mod ieħor issusspettata li wettqet ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq bil-konsegwenzi legali ta' tali proċedimenti ta' segwitu fit-territorju tal-Istat Membru tar-reat skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru.

2. Meta jibgħat l-ittra ta' informazzjoni lill-proprjetarju, lid-detentur tal-vettura jew lill-persuna identifikata b'mod ieħor issusspettata li wettqet ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq, l-Istat Membru tar-reat għandu, skont il-liġi tiegħu, jinkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti bħan-natura tar-reat relatat mas-sikurezza fit-toroq imsemmi fl-Artikolu 2, il-post, id-data u l-ħin tar-reat u, fejn xieraq, id-data li tikkonċerna t-tagħmir li intuża biex ir-reat jiġi rreġistrat.

Għal dak il-għan, l-Istat Membru tar-reat jista' juża l-mudell kif imniżżel fl-Anness.

3. Meta l-Istat Membru tar-reat jiddeċiedi li jibda proċedimenti ta' segwitu fir-rigward tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imsemmi fl-Artikolu 2, l-Istat Membru tar-reat, għall-fini li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, jibgħat l-ittra ta' informazzjoni bil-lingwa tad-dokument ta' reġistrazzjoni, jekk disponibbli, jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

*Artikolu 6*

**Rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni**

L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni sa…. (*) u mbagħad kull sentejn. Ir-rapport għandu jindika n-numru tat-tiftix awtomatizzat imwettaq mill-Istat Membru tar-reat indirizzat lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni wara li jitwettqu reati fit-territorju tiegħu, flimkien man-numru ta' talbiet li fallew u n-natura ta' tali talbiet.

*Artikolu 7*

**Protezzjoni tad-data**

Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali [1] għandhom japplikaw għad-data personali pproċessata skont din id-Direttiva.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fid-Deċiżjonijiet ta' Prüm għandhom japplikaw ukoll għad-data personali pproċessata skont din id-Direttiva.

(*) Erbgħa u ħamsin xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
[1] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

*Artikolu 8*

**Informazzjoni għas-sewwieqa fl-Unjoni**

Fis-sit elettroniku tagħha l-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni sommarju bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni tar-regoli fis-seħħ fl-Istati Membri fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar dawn ir-regoli.

*Artikolu 9*

**Reviżjoni tad-Direttiva**

Sa … (*) il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri, tivvaluta jekk reati oħra tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq għandhomx jiżdiedu mal-Artikolu 2 u, jekk xieraq, tagħmel proposta.

*Artikolu 10*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa … (**). Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 11*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 12*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

(*) Sittin xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(**) Erbgħa u għoxrin xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

*ANNESS*

**MUDELL GĦALL-ITTRA TA' INFORMAZZJONI**

msemmija fl-Artikolu 5

..........................................................................................................................................................................................
***[Isem, indirizz u numru tat-telefown ta' l-awtorità li tibgħat il-formola]***

..........................................................................................................................................................................................
***[Isem u indirizz tad-destinatarju]***

**ITTRA TA' INFORMAZZJONI**

dwar reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq imwettaq fi ..........................................................................
***[isem l-Istat Membru fejn twettaq ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq]***

**Paġna 2**

Fi ..................................... ġie rreġistrat minn ...........................................................................................................................
***[data]*** ***[isem il-korp responsabbli].***
reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq imwettaq bil-vettura bin-numru ta'

reġistrazzjoni ................................................, marka ..............................................., mudell ...............................................

[Għażla1] (1)

Inti mniżżel/mniżżla bħala d-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura hawn fuq imsemmija.

[Għażla 2] (1)

Id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura msemmija hawn fuq indika li int kont qed issuq dik il-vettura meta twettaq ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq.

Id-dettalji relevanti tar-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq jingħataw fil-paġna 3 ta' dan id-dokument.

L-ammont tal-piena finanzjarja għal dan ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq huwa ta' ......................................
EUR / [munita nazzjonali]

L-iskadenza għall-ħlas hija ...........................................................................................................................................................

Jekk ma tħallasx din il-penali finanzjarja, inti mogħti parir timla l-formola mehmuża (paġna 4) u tibgħatha fl-indirizz indikat.

Din l-ittra għandha tiġi pproċessata skont il-liġi nazzjonali ta' .................................................................................................
***[l-isem tal-Istat Membru tar-reat d].***

(1) Ħassar jekk ma japplikax.

**Paġna 3**

**Id-dettalji rilevanti tar-reat**

(a) *Data dwar il-vettura li biha sar ir-reat*

Numru ta' reġistrazzjoni: ..........

Pajjiż ta' reġistrazzjoni: ..........

Marka u mudell: ..........

(b) *Data dwar ir-reat*

Il-post, id-data u l-ħin fejn twettaq ir-reat:

..........

..........

In-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat:

..........

..........

l-eċċess tal-veloċità, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sigurtà, il-qbiż tad-dawl aħmar, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, is-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi, in-nuqqas ta' użu tal-elmu ta' protezzjoni, l-użu ta' karreġġjata pprojbita, l-użu illegali ta' telefonuu ċellulari jew ta' kwalunkwe tagħmir ieħor ta' komunikazzjoni waqt is-sewqan ([1])

Deskrizzjoni dettaljata tar-reat:

..........

..........

Referenza għad-dispożizzjoni(jiet) ġurdiċi rilevanti:

..........

..........

Deskrizzjoni tal-provi tar-reat jew referenza għalihom:

..........

..........

(c) *Data dwar it-tagħmir li intuża għar-reġistrazzjoni tar-reat* ([2])

Tip ta' tagħmir għar-reġistrazzjoni tal-eċċess tal-veloċità, tan-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sigurtà, tal-qbiż tad-dawl aħmar, tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, tas-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi, tan-nuqqas ta' użu tal-elmu ta' sikurezza, tal-użu ta' karreġġjata pprojbita, l-użu illegali ta' telefonuu ċellulari jew ta' kwalunkwe tagħmir ieħor ta' komunikazzjoni waqt is-sewqan ([1]):

Speċifikazzjoni tat-tagħmir:

..........

Nru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir:

..........

Skadenza ta' l-aħħar kalibrazzjoni tat-tagħmir:

..........

(d) *Ir-riżultat tal-applikazzjoni tat-tagħmir*

..........

***[eżempju għall-eċċess ta' veloċità; għad iridu jiżdiedu r-reati l-oħra:]***

Il-veloċità massima:

..........

Il-veloċità mkejla:

..........

Il-veloċità mkejla kkoreġuta skond il-marġni ta' żball:

..........

([1]) Ħassar jekk ma japplikax.

([2]) Mhux applikabbli jekk ma jkun intuża l-ebda tagħmir.

Paġna 4

**Formola ta' tweġiba**

***(jekk jogħġbok imla l-formola b'ittri kapitali)***

**A. Identità tas-sewwieq:**

— Isem sħiħ: ..............................................................................

..............................................................................

— Il-post u d-data tat-twelid: ..............................................................................

..............................................................................

— Nru tal-liċenzja tas-sewqan: ........................ imwassla (data): ........................ fi (post): ................................

..............................................................................

— Indirizz: ..............................................................................

..............................................................................

**B. Lista ta' mistoqsijiet:**

1. Il-vettura, tal-marka ............... bin-numru ta' reġistrazzjoni .............. hija rreġistrata f'ismek? iva/le ([1])

   Jekk le, sid(t) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni huwa/hija: ..............................................................................

   ..............................................................................
   ***(kunjom, isem, indirizz)***

2. Tammetti li wettaqt ir-reat? iva/le2 ([1])

3. Jekk dan ma tammettihx, jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet tiegħek:

   ..............................................................................

   ..............................................................................

   ..............................................................................

   ..............................................................................

Jekk jogħġbok, ibgħat il-formola mimlija sa 60 jum mid-data ta' din l-ittra ta' informazzjoni lill-awtorità li ġejja: ..................

..............................................................................

fl-indirizz li ġej: ..............................................................................

..............................................................................

**INFORMAZZJONI**

Il-każ se jiġi eżaminat mill-awtorità kompetenti ta' ..............................................................................
***[l-isem tal-Istat Membru tar-reat]***

Jekk ma jingħatax segwitu għal dan il-każ, inti tiġi infurmat sa 60 jum mid-data tal-wasla tal-formola ta' tweġiba.

([1]) Ħassar jekk ma japplikax.

Jekk jingħata segwitu għal dan il-każ, tapplika l-proċedura li ġejja:

..........................................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................................

*[dan l-ispazju għandu jimtela mill-Istat Membru tar-reat - għandu jindika l-proċedura li jmiss, flimkien ma' dettalji dwar il-possibbiltà u l-proċedura ta' appell kontra d-deċiżjoni li jingħata segwitu għall-każ. Dawn id-dettalji għandhom jinkludu f'kull każ: l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità responsabbli għat-trattament tal-każ; l-iskadenza għall-ħlas tal-multa; l-isem u l-indirizz ta' l-organu ta' appell ikkonċernat; l-iskadenza għall-appell].*

Din l-ittra bħala tali ma twassalx għal konsegwenzi legali.

## DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

### I. INTRODUZZJONI

Fid-19 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq.

Saru diskussjonijiet intensivi taħt il-Presidenza Franċiża matul it-tieni nofs tal-2008. Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet laqgħu l-proposta għalkemm esprimew tħassib dwar il-bażi legali għad-Direttiva. Fil-Kunsill TTE ta' Ottubru 2008, 15-il Ministru pprivileġġjaw "soluzzjoni tat-tielet pilastru". Għalhekk, fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2008 l-Kunsill TTE ma setax jilħaq ftehim u ġie maqbul li l-korpi preparatorji tal-Kunsill għandhom ikomplu jaħdmu biex isibu soluzzjoni.

Fis-17 ta' Diċembru 2008, il-Parlament Ewropew ivvota l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari.

Il-Kunsill kompla l-eżami tal-proposta, minn Lulju 2010, abbażi ta' proposti ġodda mill-Presidenza Belġjana, b'mod partikolari dwar il-bażi legali (l-Artikolu 87(2) TFUE, kooperazzjoni tal-pulizija). Fit-2 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta unanimament konklużjoni dwar il-qbil politiku fir-rigward tad-Direttiva proposta. F'dik l-okkażjoni, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni li tinnota li kien hemm unanimità fil-Kunsill dwar l-abbozz ta' kompromess tal-Presidenza, inkluż dwar is-sostituzzjoni tal-bażi legali proposta mill-Kummissjoni, jiġifieri tal-Artikolu 91(1)(c) TFUE bl-Artikolu 87(2) TFUE. Filwaqt li l-Kummissjoni qablet mal-fehma tal-Kunsill dwar l-importanza li jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva proposta biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, qieset madankollu minn perspettiva legali u istituzzjonali li l-Artikolu 87(2) TFUE mhuwiex il-bażi legali adegwata.

Fis-17 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### II. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

#### 1. *Ġenerali*

Fid-19 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni ppreżentat proposta bil-għan li tiffaċilita s-sanzjonar ta' ċerti reati tat-traffiku kommessi fi Stat Membru b'vettura rreġistrata f'ieħor billi toħloq sistema għall-iskambju ta' data rilevanti bejn l-Istati Membri. Fil-proposta tal-Kummissjoni ġew koperti erba' reati tas-sikurezza fit-toroq: l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, u l-qbiż tad-dawl l-aħmar. Minħabba li dawn huma r-reati li jikkaġunaw l-akbar għadd ta' inċidenti u mwiet fit-toroq Ewropej. Il-proposta tintroduċi netwerk għall-iskambju ta' data elettronika fl-UE kollha sabiex is-sid ta' vettura jkun jista' jiġi identifikat biex l-awtoritajiet ta' Stat Membru li fih twettaq reat ikunu jistgħu jinnotifikaw lis-sid tal-vettura li biha jkun twettaq ir-reat.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għandha l-istess objettivi u prinċipji sottostanti bħall-proposta tal-Kummissjoni. Għandha l-ħsieb ukoll li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq u li tiżgura trattament ugwali tas-sewwieqa irrispettivament mill-Istat tar-residenza tagħhom. Madankollu, tuża bażi legali differenti u tipprevedi sistema ta' implimentazzjoni aktar sempliċi minn dak li hu previst fil-proposta tal-Kummissjoni. L-approċċ tal-Kunsill jipprevedi wkoll protezzjoni aħjar tad-data personali li tiġi skambjata skont id-Direttiva, u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu tinkludi erba' reati oħra li ma kinux previsti fil-proposta tal-Kummissjoni.

#### 2. *Kwistjonijiet ewlenin*

i) *Bażi legali*

Il-bażi legali tal-proposta tal-Kummissjoni hija l-Artikolu 71(1)(c) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (trasport) ([1]).

Wara li qies l-għażliet legali pprovduti mit-TFUE, il-Kunsill għażel bażi legali oħra (l-Artikolu 87(2) TFUE, kooperazzjoni tal-pulizija).

([1]) Issa l-Artikolu 91(1)(c) TFUE.

Il-Parlament Ewropew, li vvota l-opinjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, segwa l-proposta tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni.

Kif indikat hawn fuq, il-Kummissjoni ma setgħetx tapprova l-bidla tal-bażi legali u, għalhekk, tinħtieġ unanimità biex jintlaħaq qbil bejn l-Istati Membri.

ii) *Kamp ta' Applikazzjoni*

Il-Kummissjoni pproponiet li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jkun jinkludi erba' reati (l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, u l-qbiż tad-dawl l-aħmar).

Il-Kunsill fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari żied erba' reati ġodda: is-sewqan taħt l-effett tad-drogi, in-nuqqas ta' użu ta' elmu tas-sigurtà, sewqan f'korsija pprojbita, u l-użu illegali ta' telefon ċellulari jew ta' kwalunkwe tagħmir ieħor ta' komunikazzjoni waqt is-sewqan. Il-Kunsill speċifika li din il-lista tista tiġi estiża fil-ġejjieni permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva, wara rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

Il-Parlament Ewropew mexa mal-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Huwa ssuġġerixxa li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni u l-effettività lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jista' jiġi segwit mill-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, essenzjalment bl-istess mod bħal dak previst fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (minbarra li l-PE ssuġġerixxa skadenza ta' sentejn). Madankollu, l-emendi tal-PE jindikaw ukoll li rapport bħal dan jista' jinkludi l-proposti tal-Kummissjoni biex jiġi armonizzat it-tagħmir ta' kontroll, kif ukoll valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar is-sikurezza fit-toroq.

iii) *Definizzjonijiet*

Il-Kummissjoni pproponiet lista ta' definizzjonijiet li jirriflettu l-formulazzjoni tal-kliem użata fit-test tal-proposta tagħha.

Il-Kunsill biddel il-proposta tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward biex jadatta l-lista ta' definizzjonijiet għall-formulazzjoni l-ġdida tal-kliem tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

Il-Parlament Ewropew mexa ħafna mal-proposta tal-Kummissjoni, iżda daħħal erba' definizzjonijiet oħra:

— huwa wessa' d-definizzjoni ta' "detentur" sabiex il-muturi jkunu wkoll koperti mid-Direttiva. L-ispirtu ta' dik l-emenda ġie inkluż fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari peress li wieħed mir-reati koperti mid-Direttiva huwa "in-nuqqas ta' użu tal-elmu tas-sigurtà";

— huwa speċifika li "awtorità kompetenti" hija punt ta' kuntatt uniku. Dik l-emenda ma ġietx inkluża fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għax xi Stati Membri għandhom aktar minn awtorità ta' reġistrazzjoni waħda;

— żewġ definizzjonijiet oħra ("awtorità ċentrali", "Deċiżjoni Amministrattiva Finali") ma setgħux jiġu aċċettati għax il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ma tużax formulazzjoni bħal din.

iv) *Ittra ta' informazzjoni*

Il-proposta tal-Kummissjoni kien fiha formola għan-notifika ta' reat li kellha tintbagħat lid-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura. Kienet titlob lil dan id-detentur jagħti dettalji dwar is-sewwieq ta' din il-vettura meta sar ir-reat jekk id-detentur ma kienx ser jaċċetta li jħallas il-multa. Imbagħad tħalla f'idejn l-Istat Membru fejn sar ir-reat jekk jiħux azzjoni kontra s-sewwieq.

Din in-notifika ta' reat kien fiha l-informazzjoni meħtieġa għall-ħlas tal-ammont dovut kif ukoll it-tagħrif dwar il-possibbiltajiet ta' oġġezzjoni u appell. Bħala l-aħħar soluzzjoni, fil-każ li min ikun ikkommetta r-reat ma jħallasx, tiġi applikata d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tipprevedi mudell għall-ittra ta' informazzjoni li l-kontenut tagħha huwa simili ħafna għan-notifika ta' reat inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, meta wieħed iqis li l-ittra ta' informazzjoni mhix mandatorja (filwaqt li n-notifika ta' reata hija), l-ittra ta' informazzjoni tagħti biss *parir* lil min ikkometta r-reat biex jimla l-formola ta' tweġiba meħmuża magħha.

Il-Parlament Ewropew mexa mal-proposta tal-Kummissjoni b'xi bidliet bil-għan li tiżdied aktar informazzjoni fin-notifika ta' reat. F'każ li d-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura ma kienx is-sewwieq tal-vettura meta sar ir-reat, id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura *jista'* jikxef l-identità tas-sewwieq, iżda mhux bilfors jagħmel dan.

v) *Protezzjoni tad-data*

Il-Kummissjoni pproponiet li tintuża d-Direttiva 95/46/KE biex tiżgura l-protezzjoni tad-data taħt id-Direttiva, u pprevediet dritt ta' aċċess, korrezzjoni u tħassir fir-rigward tad-data tal-persuni kkonċernati.

Il-Kunsill qies li fil-kuntest speċifiku tad-Direttiva, fid-dawl tal-bażi legali l-ġdida, ikun aktar adegwat li wieħed jirreferi għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stipulati fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, kif ukoll fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI.

Il-Parlament Ewropew mexa ħafna mal-proposta tal-Kummissjoni iżda insista li tinħoloq sistema b'saħħitha ta' protezzjoni tad-data:

— li tiżgura l-kunfidenzjalità tad-data miġbħuta;

— li tiżgura li s-suġġett tad-data jaf bid-drittijiet tiegħu/tagħha ta' aċċess, rettifika u tħassir tad-data personal tiegħu/tagħha;

— li tevita li kwalunkwe data personali miġbura fl-ambitu tad-Direttiva tintuża għal finijiet barra minn dawk speċifikament marbutin mas-sikurezza fit-toroq.

Dawk is-salvagwardji mitluba mill-Parlament Ewropew huma inklużi b'mod ġenerali fl-atti leġislattivi (Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI) imsemmija fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

vi) *Informazzjoni liċ-ċittadini tal-UE*

Il-Kummissjoni ma pprevedietx informazzjoni lis-sewwieqa Ewropej fir-rigward tar-regoli tat-traffiku fil-proposta tagħha.

Il-Kunsill inkluda fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari l-obbligu għall-Kummissjoni li tagħmel disponibbli fuq is-sit elettroniku tagħha ġabra fil-qosor bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE tar-regoli fis-seħħ fl-Istati Membri dwar is-sikurezza fit-toroq.

Il-Parlament Ewropew insista dwar l-importanza ta' informazzjoni għas-sewwieqa għall-politika dwar is-sikurezza fit-toroq, fejn l-informazzjoni meħtieġa titwassal liċ-ċittadini tal-UE permezz tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Wieħed mill-mezzi proposti mill-Parlament Ewropew huwa s-sit elettroniku tal-Kummissjoni, li jissemma wkoll fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

3. ***Emendi oħrajn adottati mill-Parlament Ewropew***

Emendi oħrajn li mhumiex inklużi fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jikkonċernaw b'mod partikolari:

— l-introduzzjoni ta' multi fissi armonizzati għal reati tas-sikurezza fit-toroq;

— l-armonizzazzjoni ta' prattiki ta' kontroll tas-sikurezza fit-toroq u tat-tagħmir tekniku użat għal dak il-għan (permezz tal-adozzjoni ta' linji gwida dwar is-sikurezza fit-toroq mifruxa mal-UE kollha);

— l-introduzzjoni ta' sistema ta' segwitu ta' reati tat-traffiku, rikonoxximent u infurzar ta' sanzjonijiet, u trasmissjoni ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet dwar reati bħal dawn meta pieni finanzjarji jibqgħu ma jitħallsux;

— proċedura ta' kumitat;

— prinċipji ġenerali tal-liġi (pieni finanzjarji mhux diskriminatorji imposti mil-liġi tal-Istat fejn isir ir-reat; nonretroattività).

III. **KONKLUŻJONI**

Fl-istabbiliment tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, il-Kunsill ħa kont sħiħ tal-proposta tal-Kummissjoni u tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.

Madankollu, meta kkunsidra li t-test li dwaru qabel il-Kunsill f'Diċembru 2010 jvarja b'mod sinifikanti mill-proposta tal-2008 tal-Kummissjoni li fuqha huma bbażati l-emendi tal-PE, il-Kunsill ma qiesx li kien rilevanti li jeżamina kull emenda individwalment. Fil-fatt, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u l-bidla tal-bażi legali ġiegħlu lill-Kunsill jerġa' jabbozza ħafna mid-dispożizzjonijiet tal-proposta tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-emendi proposti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill josserva li għadd ta' emendi ġew diġà inklużi - fl-ispirtu, parzjalment jew kompletament - fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

In-negozjati mal-Parlament Ewropew għandhom għalhekk jibdew bħala tali fit-tieni qari, abbażi tat-test maqbul mill-Kunsill f'Diċembru 2010, aktar milli abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT